**25 ta' April, 1964.**

**Imħallef:—**

**Onor. Edoardo Magri LL.D.**

Alfred Della Noe

*versus*

Nobbli John, magħruf bħala "Golly" Testaferrata Abela

**Preskrizzjoni — Grossista — Dettaljatur.**

*Fir-rigward tal-applikabilita tal-art. 2253(b) tal-kodiċi ċivili, il-qorti, f'dan il-każ tiddistingwi għall-skop ta' preskrizzjoni bejn il-grossista w id-dettaljatur u tgħid li l-liġi ma tħarisx lejn dik li tista tkun abitwalment il-professjoni tan-neguzjant ta' grossista jew minutant imma tħares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se.*

Il-Qorti, rat id-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' April, 1964, fejn hemm riportati d-domandi ta' l-attur nomine w in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u li biha din il-qorti iddikjarat ruħha kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża u għalhekk ġiet miċħuda l-eċċezjoni ta' l-inkompetenza "Ratione materiae" sollevata mill-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li qal, illi mingħajr preġudizzju għall-fatt li qatt ma assuma dina l-obbligazjoni, f'dawn l-ħames snin ma ġie qatt interpellat b'ittra uffiċjali, u in vista li dan hu kreditu ċivili u mhux kummerċjali ta' bejgħ ta' ħaġa mobbli w għalhekk preskritta bil-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar (Art. 2253 (b) Kap 23).

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Semgħet l-avukati tal-kontendenti

Ikkunsidrat:

Li skond kif jirriżulta mis-sentenza ġa mogħtija min dina l-qorti fit-8 ta' April 1964, l-attur mhux qiegħed jistitwixxi azzjoni kambjarja, u għalhekk, għalkemm il-kreditu twieled minn kambjali, fil-kas presenti, qalet dina il-qorti, li d-dejn tal-konvenut m'huwiex ta' natura kummerċjali u għalhekk dina l-qorti sejra tiskarta mill-ewwel il-preskrizzjoni kwinkwennali li għaliha alluda impliċitament il-konvenut fimsemija eċċezzjoni ulterjuri u mhiex sejra tieħu konjizzjoni tagħha għaliex dik l-eċċezzjoni ma ġietx espressament sollevata, iżda ġiet magħmula kontestazzjoni tal-fatt li l-konvenut f'dna l-aħħar ħames snin qatt ma ġie interpellat b'ittra uffiċċjali għall-pagamaent tal-bilanċ tal-prezz dovut.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni brevi ta' tmintax il-xahar, kontemplata fl-art. 2253 (b) tal-kodiċi ċivili, fejn huwa espost li l-azzjoni tal-kreditur għal prezz tal-merkanzija oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut jaqgħu bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax il-xahar.

Ikkunsidrat:

Li mid-dokument "G" esibita fol: 20 tal-proċess jirriżulta li l-aħħar pagament akkont tal-prezz magħmul millkonvenut kien fid-9 ta' Jannar 1959; u l-istess konvenut fixxhieda tiegħu. mhux kontradetta, iddikjara li huwa għalkemm reġa' ġi Malta darbtejn fit-22 ta' Diċembru 1963 u fil-21 ta' Jannar 1964 huwa ma aċċetta qatt li jħallas, għax

dejjem kien jirritjeni li d-dejn kien ta' martu, għax il-kambjalijiet ġew firmati minnha. Irrisulta li l-konvenut ġie miżmum Malta b'mandat ta' impediment tas-safar tat-22 ta' Jannar 1964, u ċ-ċitazzjoni relativa ġiet introdotta fis-27 ta' Jannar 1964. L-attur ma ġieb l-ebda prova li l-preskrizzjoni ġiet b'xi mod validament interrotta, iżda għamel enfasi li d-de*korriment tagħha baqa' sospis għaliex il-venditur jinsab in*terdett almenu minn Marzu 1962.

Ikkunsidrat:

Li l-attur fit-trattazzjoni orali ikkontesta li dina l-preskrizzjoni mhiex applikabbli għaliex mhux il-kas ta' bejgħ blimnut u għalhekk hija applikabbli dik ta' ħames snin, kontemplata mill-art 2261 (f) tal-kodiċi ċivili.

Ikkunsidrat:

Li dina l-qorti hija tal-fehma li fil-kas presenti hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar u mhux dik ta' ħames snin, għaliex il-bejgħ tal-karozza in kwistjoni ma sarx minn grossist lil dettaljatur iżda, biex ngħidu hekk, minn konsumatur għal konsumatur ieħor. *Infatti, il-kriterju* direttiv biex tidistingwi l-grossista mid-dettaljatur "E' che il primo per lo più vende a coloro che commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo più ai consumatori in piccole quantita misurata dal bisogno di costoro" (Kollez. XXI, I, 406: XIII, 294: XXVIII, III, 700 XXXVI, III, 593: XXXI, III, 235) u l-liġi fid-disposizzjoni dwar dina l-preskrizzjoni ma tħarisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-neguzjant, ta' grossista jew minutant, imma tħares lejn il-vendita partikolari in kwestjoni per se (Kollez XXXV, II 613). Fil-kas in eżami, il-venditur la

kien grossista, la neguzjant u anqas dettaljatur, w il-vendita per se hija att merament ċivili, u għalhekk il-kreditur relativ huwa milqut mill-preskrizzjoni fuq dedotta, għaliex mill-aħħar pagament akkont li għamel il-konvenut fid-9 ta' Jannar 1959 sakemm bdew l-attwali proċeduri, għaddew aktar minn tmintax-il xahar.

Ikkunsidrat:

Li l-attur issolleva l-kwistjoni li t-terminu tal-preskrizzjoni huwa sospis għaliex il-venditur huwa interdett. L-art 2229 (I) tal-kodiċi ċivili jgħid a propositu li l-preskrizzjoni ma timxix kontra il-minuri w l-interdett. Irriżulta li l-Markeżin Joseph Scicluna meta biegħ il-'car' u għalhekk meta twieled il-kreditu ma kienx interdett. Il-kambjalijiet ġew emessi fil-25 ta' Frar, 1953 presumilbilment meta sar il-bigħ tal-karozza (Art. dok fol 21 sa 38) u l-Markeżin Scicluna ġie interdett f'Marzu 1962; u l-aħħar pagament tal-konvenut, li jekwivali għal rikonjizzjoni tad-debitu sar fid-9 ta' Jannar 1959. Issa l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar immaturat meta l-Markeżin Scicluna ma kienx interdett, għaliex mid-9 ta' Jannar 1959 sa Marzu 1962 għaddew aktar min tliet snin, u għalhekk id-diviet preskritt mill-artikoli fuq ċitat ma japplikx: għax fiż-żmien kollu utili għall-preskrizzjoni sakemm dina immaturat, il-kreditur ma kienx inkapaċi u għalhekk l-inattività tiegħu ma tista toriġina dritt li ġie mitluf għas-sempliċi fatt li issopraġġungew ċirkustanzi li kienu imprevedibbili fil-mument tal-estinzjoni tal-kreditu. "L'ignoranza del proprio diritto non è annoverata fra le cause di sospensione della prescrizione; ed oggidì è comunemente ritenuto che l' impotenza ad agire, che è causa della sospensione della prescrizione comprende soltanto gli ostacoli legali che impediscono al proprietario od al curatore di agire, e non già ancora l'ignoranza dei propri diritti (Kollez XXIV, I, 388, I 151). F'dawn il-kasi mhux leċitu lill-ġudikant, li jissupplixxi għad-

difett tal-liġi, kriterju ta' arbitrarja ekwita, bl-applikazzjoni tal-antik adagio "non volenti agere, non currit prescriptio" (Giorgi, Obbligazjoni VolV IV, parte III, Nri. 241-246. Laurent, Principio di Dto. Civ Vol XXXII No 43).

Ikkunsidrat:

*Li l-konvenut mhux jikkontesta l-pretis kreditu ta' l-attur bħala* assolutament inesistenti, iżda qiegħed igħid li d-debitu mhux tiegħu u għalhekk m'għandux jagħti. F'materja ta' preskrizzjonijiet qosra, dana l-aħħar metodu ta' dilazzjoni td-debitur ma jipprekludiex li jakkampa kif għamel il-preskrizzjoni (Kollez XXXVII, II, 727, XXVIII, I, 240 u 279 XXX, I, 976).

Ikkunsidrat:

*Li ebda valur ma jista' jkollha l-konsiderazzjoni li l-*konvenut ħallas xi akkonti, għaliex, kif jidher mill-kompless tal-provi, huwa, baqa jippretendi li dana d-dejn kien ta' martu fuq il-kambjalijiet tikkonkorri biex tagħti sinjifikat mhux traskurabbli lil dina l-fehma tal-konvenut.

Billi dana l-fatt seta' jkollu effikaċija, taħt ċerti ċirkostanzi, li jinterrompi l-preskrizzjoni għandu jiġi interpretat aktar ristrettivament, meta minnu trid tiġi desunta rinunzja għall-preskrizzjoni ġa' kompita. "Chi paga una parte del debito prescritto, egli rinunzia implicitamente ad oppone la precrizione del dippiù. Ma se protesta di non riconoscere il debitu che per la parte pagata, conserva tutti i suoi diritti per l'eccedente". (Troplong. Prescrizione N. 57; Kollez XXV, I, 1120).

Għal dawna l-motivi:

**Tiddeċiedi billi tilqa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar sollevata mill-konvenut, u tiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.**